ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Kompetenzi Ewlenin

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2023

IL-ĦDAX-IL SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (Orali) IL-ĦIN: 10 minuti

Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES mistoqsijiet. L-istudenti jridu jwiegbu l-mistoqsijiet KOLLHA.

1. **Agħżel il-kelma t-tajba mnn ġol-parentesi.**

   a. Malta daħlet membru tal-Unjoni Ewropea fl-(2002, 2004, 2010). (2)

   b. L-Unjoni Ewropea għenet sabiex ikun hawn (paċi, gwerra, nuqqas ta' qbil) bejn il-pajjiżi membri. (2)

   ċ. L-elezzjoni biex iċ-ċittadini Ewropej jeleġġu l-Membri Parlamentari Ewropej issir darba kull (tliet, ħames, seba') snin. (2)

   d. L-Unjoni Ewropea hija magħmula minn (24, 27, 29) stat membru. (2)

   e. Malta għandha (tliet, sitt, tmien) membri parlamentari Ewropej. (2)

(10 marki)

2. a. Ħares lejn l-bnadar 1, 2, 3 u 4 u għid liema waħda tirrappreżenta lill-Unjoni Ewropea. (2)

Bandiera 1

Bandiera 2

Bandiera 3

Bandiera 4

b. Minn dawn l-istampi 1, 2, 3 u 4, agħżel l-istampa li turi l-flus li tuża l-Unjoni Ewropea. (2)

Stampa 1

Stampa 2

Stampa 3

Stampa 4

ċ. Minn dawn l-istampi 5, 6, 7 u 8, agħżel l-istampa li turi l-mappa tal-Unjoni Ewropea. (2)

Stampa 5

Stampa 6

Stampa 7

Stampa 8

d. Minn dawn l-istampi li ġejjin, liema hu r-ritratt li juri l-Parlament Ewropew? (2)

Stampa 9

Stampa 10

Stampa 11

Stampa 12

e. Minn dawn l-istampi li ġejjin, liema tirrappreżenta l-motto tal-Unjoni Ewropea? (2)



Stampa 13

Stampa 14

Stampa 15

Stampa 16

(10 marki)

3. a. Din l-istampa tirrappreżenta t-3Rs. Għid liema huma t-3Rs u xi jfissru.

(2 marki x 3 = 6 marki)

b. Spjega kif dawn l-istampi huma sorsi ta' tniġġis u xi ħsara jagħmlu lill-bniedem.

Stampa 17

Stampa 18

(2 marki x 2 = 4 marki)

(10 marki)

4. a. Dawn l-istampi li ġejjin juru minn fejn nistgħu nġibu l-enerġija. Spjega kull waħda.

Stampa 19

Stampa 20

Stampa 21

(2 marki x 3 = 6 marki)

b. Madwar Malta u Għawdex insibu diversi ċentri għall-iskart goff. Semmi **erba'** tipi ta' skart domestiku li nistgħu nieħdu f'dawn iċ-ċentri.

(marka x 4 = 4 marki)

(10 marki)

5. Għid jekk hux **VERU** jew **FALZ**.

a. Dak li jiġri f'pajjiż wieħed ma jaffettwax pajjiżi oħrajn. (2)

b. Kumpaniji **transnazzjonal**i (**multinazzjonali**) huma kumpaniji żgħar mhux magħrufa.
(2)

ċ. It-turiżmu jgħin sabiex iqarreb il-pajjiżi lejn xulxin. (2)

d. Il-Kummerċ Ġust (Fair Trade) huwa moviment soċjali bbażat fuq idea ta' kummerċ internazzjonali li fih il-produtturi (ħafna drabi bdiewa jew nies tas-snajja' jitħallsu prezz xieraq. (2)

e. Permezz tal-midja nkunu nafu x'inhu għaddej f'pajjiżi oħra madwar id-dinja. (2)

(2 marki x 5 = 10 marki)
(10 marki)

Total: 50 marka